


# Mro. Kavallier Ġużeppi Busuttil

3 ta' Mejju 1925 "il-festa tas-Salib Mqaddes ġewwa Birkirkara". L-ewwel darba li l-Kavallier Maestro użeppi Busuttil ħa t-treġija tal-banda Sant'Elena f'idejh.

Is-surmast Busuttil twieled ir-Rabat Malta fit-13 ta' Marzu 1894 u minn età żgħira beda jistudja l-klarinett mal-banda Konti Ruġġieru. Meta beda jdoqq il-klarinett, iżżewweġ u mar joqgħod Ħaż-lebbuġ fejn beda jmexxi l-banda ta De Rohan.

Darba fost l-oħrajn, meta kien qed idoqq mal-banda l-oħra ta Birkirkara; Duke of Connaught Own, ġew xi membri tal-kumitat tal-Banda Sant'Elena u ħeġġewh biex imur surmast magħhom. Għaldaqstant meta s-Surmast Vincenzo Costa ma setgħax ikompli bħala surmast tal-Banda Sant'Elena, is-Surmast Busuttil ġie mistieden biex jiġi jħabbat għall-programm li l-banda kellha fit-3 ta' Mejju 1925 u minn dakinhar ħa t-treġija tal-banda f'idejh.

Is-Surmast Busuttil kien persuna ta' abilita kbira li faċilment jista jissejjaħ ġenju. Taħt dan is-surmast il-Banda Sant' Elena kellha l-ikbar suċċessi li qatt kellha fl-istorja tagħha. Ta' min isemmi fost l-oħrajn il-ksib ta' l-ewwel premju fil-Karnival għal 14-il darba, fl-1932 il-Banda ddoqq f'Birkirkara fl-okkażjoni tat-Tlugħ tal-Qanpiena l-Kbira u ddoqq f'Ħal Lija fl-okkażjoni tal-Festi Ċentinarji tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej u t-tlett żjariet tal-Banda ġewwa Tuneż. Kien proprju fit-tieni żjara tal-Banda ġewwa Tuneż li s-Surmast Busuttil jingħata t-titlu ta' Kavallier filwaqt li fit-tielet żjara, fl-1938, il-Banda tkun l-ewwel banda Maltija li daqqet l-innu Malti barra minn xtutna.

Ta' min jgħid li s-Surmast Busuttil jibqa żgur magħruf gall-kwantita kbira ta' marċi u innijiet li kiteb lill-banda. Fis-sena 1928 ġewwa Birkirkara kienu qed isiru festi ċentinarji ad unur il-patruna Santa Liena. Għaldaqstant is-Surmast Busuttil ġie mitlub jikkomponi żewġ innijiet u lesta 'Inno di Gloria a Sant'Elena, Imperatrice Augustaî u l-innu tal-Banda Sant'Elena. Dawn iż-żewġ innijiet ikkomponijom fuq lirika tal-Kav. Ġuze Dimech Debono. Il-Banda daqqiethom għall-ewwel darba fil-festa ta' Santa Liena ta' l-istess sena. Dawn iż-żewġ innijiet għadhom ferm imfittxija sal-lum. lewġ innijiet oħra li s-Surmast ikkompona huma Innu lil Marija Santissima u Innu Cattolico ad unur ta Salvatore Micallef. Is-Surmast Busuttil kiteb minjiera ta' marċi brijjużi, valzi, marċi karnivaleski u marċi funebri. Wieħed mill-marċi li għadu jissemma hu il-marċ brijjuż 'Tal-Qalba' li għadu jindaqq f'kull sena b'talba ġenerali. Kiteb ukoll l-marċja sinfonika 'Era Nuova'.

Fl-istess żmien li s-Surmast Busuttil kien surmast tal-Banda Santa Elena kien ukoll surmast ta' l-Army u tal-baned Pinto ta Ħal-Qormi u Peace tan-Naxxar.

Is-Surmast Busuttil imut fit-30 ta Diembru 1960. Il-funeral isir l-għada; il-31 ta Diċembru 1960 mill-Knisja ta' San Pawl ġewwa l-Wied ta' Birkirkara għall-Kolleġjata Bażilika Sant'Elena fejn kien akkumpanjat miż-żewġ baned Karkariżi, Kleru u mijiet ta' nies li nġabru fit-toroq ta' Birkirkara. Bit-telfa tas-Surmast Busuttil mhux biss il-banda SantîElena tilfet imma Malta kollha. Hu kien surmast ta' ħila mużikali kbira li kiteb bosta marċi, kien persuna ta' direzzjoni u dixxiplina u maħbub minn kulħadd. Hu jibqa mniżżel fl-istorja bħala l-iktar surmast li ta' kollox; ħinu, għerfu, mużika, ħajtu għall-banda Sant'Elena, banda li hu tant ħabb, banda li hu tant mexxa 'l quddiem permezz tal-ħila tiegħu.